MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Numru 613/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Dennis Theuma)**
**(Spt Carmelo Bartolo)**
**vs**
**Domenic Fenech**
**Marion Lebrun**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Dominic Fenech,** ta' 27 sena, iben Bartolomeo u Nazzarena nee' Cilia, imwieled Pieta' nhar id-19 ta' Settembru, 1976 u li joqghod 3, Sqaq Dun Karm, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 463376(M);

**Marion Lebrun,** ta’ 26 sena, bint Joseph u Carmen nee’ Vella, imwielda Pieta’ nhar is-16 ta’ Awissu, 1977 u toqghod ‘Dar Merhba Bik’, Triq Birbal, Balzan, u li ghandha il-karta ta’ l-identita’ bin-numru 466477(M).

Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta’ Mejju, 2003 u f’diversi okkazjonijiet matul s-snin ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi minijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikommettejtu serq ta’ diversi oggetti u cioe’ accessorji ta’ diversi vetturi bil-mutur, ikkwalifikat bil-mezz, hin, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija SBT Co. Ltd. u/jew persuni ohra mhux maghrufa.

**Lil Dominic Fenech** wahdu:

Talli f’dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta’ Mejju, 2003, u matul s-snin ta’ qabel din id-data, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejejd misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra min Malta, u cioe’ diveri accessorji ta’ vetturi bil-mutur, jew xjentement b’kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

Talli nhar is-26 ta’ Mejju, 2003, waqt li kont fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fil-Furjana, bil-qerq hloqt jew gieghelt jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioe’ Mark Vella minn Birkirkara, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tad-9 ta’ Settembru, 2004.

Rat illi l-imputati ma oggezzjonawx ghall-istess procedura.

Semghet l-ammisjoni tal-imputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Fuq ammisjoni issibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat l-artikoli 261, 263, 270, 278, 281, 334, 110 u 109, 18 Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputati.

Rat illi l-imputati irritornaw ir-rifertiva.

Fil-konfront ta' Marion Lebrun, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sena (1) mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446;

Fil-konfront ta' Domenic Fenech tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446. Inoltre tinterdixxi lill-imputat b'mod generali sa zmien hames (5) snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------